# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum **il-Ħamis 7 ta' Marzu, 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**Nicola Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra:

Nicola Farrugia ta' 48 sena bin il-mejjet Carmel u Josephine nee' Tanti imwieled Siġġiewi fl-4 ta' Mejju 1960 u joqgħod 'Tal-Grazzja', Triq il-Bieb is-Sultan, Zabbar, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 319260(M).

Akkużat talli:

1. F'Diċembru 2008 u fix-xhur precedenti f'dawn il-Gżejjer, b'mezzi kontra il-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' kriediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' aktar minn elfejn

tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), għad-detriment ta' Emanuel Camilleri ID 64951 (M), ai termini tal-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi approprija ruħu, billi dawwar bi profitt għaliħ jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinjata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnħa speċifikat għad-detriment tal-persuna ħawn fuq imsemmija, ai termini tal-Artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Aktar talli sar reċidiv b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kif ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali, liema sentenzi ħuma definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula, ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandħom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat n-nota tar-rinviju tal-ġudizzju mibgħuta mill-Avukat Ġenerali fil-5 ta' Marzu 2014, fejn deherlu li tista' tinstab ħtija taħt dak li hemm maħsub:

1. fl-Artikoli 17, 31, 49, 50 tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta;
2. fl-Artikoli 308, 309, 310(1)(a) tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oġġezzjoni sabiex dana il-każ jiġi trattat u deċiż minn din l-Qorti bil-proċedura sommarja.[1]

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ, u d-dokumenti eżebiti.

Semgħet it-trattazzjoni orali finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

---

[1] Ara verbal a fol. 180 tal-proċess.

## Il-Fatti

Fil-verita ma hemmx kontestazzjoni fuq il-fatti saljenti li taw lok għal dawn il-proċeduri, li in sinteżi huma s-segwenti:

1. Il-kwerelant, Emanuel Camilleri, kellu barriera tal-ġebel tal-franka u għal numru ta' snin l-imputat kien jaħdem bħala bennej u kien jordna l-ġebel mingħandu.

2. F'Jannar 2005, l-imputat talab lill-kwerelant jisilfu permezz ta' ċekk l-ammont ta' LM2000. Għalkemm il-kwerelant ma tantx ħa gost b'din it-talba għaliex l-akkużat diġa` kellu xi jtih xi flus in konnessjoni ma' xogħol li kien biegħlu, ħuwa aċċetta biex iżommu bħala klijent u ħariġlu ċekk għal dan l-ammont datat 16 ta' Jannar 2005.[2] Dak il-ħin stess l-imputat taħ ċekk minn tiegħu fl-ammont ta' LM2050 *post-dated* għas-27 ta' Jannar 2005,[3] għax qallu li fil-ġurnata li jkun jista' jissarraf, kien ser ikollu flus biżżejjed fil-kont tal-bank.

3. L-imputat sarraf iċ-ċekk li tah il-kwerelant fis-17 ta' Jannar 2005.

4. Meta fit-18 ta' Frar, 2005, il-kwerelant mar biex isarraf iċ-ċekk li kien tah l-imputat, iċ-ċekk ma issarraffx u ġie *referred to drawer* mill-bank.

5. Il-kont minn fejn l-imputat ħareġ iċ-ċekk in kwistjoni ġie magħluq fil-11 ta' Frar 2005.[4]

6. Peress li l-imputat baqa' ma ħallsux, minkejja diversi wegħdiet li kien se jagħmel dan, fl-14 ta' Diċembru 2006, il-kwerelant għamel kwerela formali mal-Pulizija.[5]

7. L-imputat ġie interrogat mill-Pulizija fit-18 ta' Settembru 2007 u fl-10 ta' Diċembru 2008.[6] Fl-istqarrija tiegħu l-imputat qal li hu kien ta ċ-ċekk lill-kwerelant għax fl-aħħar ta' Jannar 2005 kellhom jirċievi xi flus, iżda mar żmerġ fil-kalkoli tiegħu, u ma kienx hemm flus biex jissarraf iċ-ċekk in kwistjoni.

---

[2] Ara fol. 111 tal-proċess.
[3] Ara fol. 112 tal-proċess.
[4] Ara xhieda ta' Audrey Ghigo a fol. 109 tal-proċess.
[5] Ara fol. 79 tal-proċess.
[6] Ara fol. 76 *et seq.* tal-proċess.

8. Bejn l-ewwel u t-tieni stqarrija tiegħu, l-imputat ħallas lill-kwerelant żewġ pagamenti ta' LM500.00-il wieħed, u cioe` LM1,000.00

9. Lejn l-aħħar tas-sena 2007 u s-sena 2008, l-imputat għamel xogħol ta' bini lill-kwerelant bħala kompensazzjoni, liema xogħol ġie stmat mill-Perit Tancred Mifsud li jiswa LM611.20.[7]

10. Għaldaqstant, l-ammont li għadu dovut mill-imputat fuq iċ-ċekk in kwistjoni huwa ta' LM438.80.

11. L-imputat offrielu li jħallsu l-ammont ta' €3000 għas-saldu tal-pretensjonijiet tiegħu fuq dan iċ-ċekk, u kwistjonijiet oħra ċivili li hemm bejn il-partijiet, pero l-kwerelant irrifjuta, għax qed jippretendi ammont ikbar ta' €11,800, inklużi l-ispejjeż.

12. Konsegwentement ġew intavolati dawn il-proċeduri.

**Konsiderazzjonijiet dwar Ħtija**

*<u>Konsiderazzjoni Preliminari – L-Ammissibilita tal-Istqarrijiet tal-Imputat</u>*

Minkejja li d-difiża ma ssollevat l-ebda kwistjoni fir-rigward, din il-Qorti tħoss ruħha obbligata li tikkonsidra jekk hux il-każ li tiskarta l-istqarrijiet tal-imputat, stante li dak iż-żmien il-liġi ma kienitx tippermetti li suspettat ikollu d-dritt li jikkonsulta avukat qabel l-interrogatorju, u dan konformi mas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, deċiża fit-12 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Mario Borg vs Malta**.

Pero fil-każ odjern, fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-imputat għamel ampja riferenza għal dak li qal l-imputat fiż-żewġ stqarrijiet tiegħu. Fid-dawl tal-fatt li l-avukat difensur tal-imputati stess għamel riferenza għal dak li qal l-imputat lill-Pulizija, qabel kellhom l-opportunita' li jieħdu parir legali, u dan sabiex jissostanzja l-istess teżi tad-difiża, il-Qorti ma tarax li l-insenjament fil-kawża **Borg vs Malta**, japplika għall-fattispecje tal-każ odjern.

[7] Ara xhieda tal-Perit Tancred Mifsud a fol. 140 *et seq.* tal-proċess u Dok TM2 a fol. 145 tal-proċess.

*<u>Il-Meritu</u>*

Fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tal-Avukat Ġenerali, l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ġew ridotti għar-reat ta' truffa jew frodi innominata, ai termini tal-Artikoli 308 u 309 tal-Kodiċi Kriminali, apparti r-reċidiva.

Il-Qorti tirreferi għall-insenjament fil-kawża **Il-Pulizija vs Emmanuele Ellul**, deċiża fl-20 ta' Ġunju 1997, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[8] irriteniet hekk f'kawża fejn cheque ġie *referred to drawer* għax ma kienx hemm fondi biżżejjed fil-kont u l-imputat ġie akkużat bl-istess reati:

*"Fil-liġi tagħna, element essenzjali għall-kostituzzjoni tar-reat ta' truffa hija l-mise en scene, cioe` dawk l-"artifiżi" jew "raġġiri" idonei li jinduċu u li effettivament ikunu induċew lill-vittma fi żball – l-ingann – u li <u>b'konsegwenza ta' dak l-iżball</u> il-vittma tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa li ġġibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qliegħ għall-aġent. Kif jispjega l-ġurista Taljan Francesco Antolisei, b'artifizio wieħed għandu jifhem:*

*"... ... ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effettuata sia simulando cioe` che non esiste (per es. ricchezza, titoli, nome, qualita ecc_ sia dissimulando, vale a dire, nascondendo cioe` che esiste (per es., il proprio stato di insolvenza, di persona coniugata, o inabilitata, l-uso di una determinate cosa ecc)" (Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale I Giuffre (Milano) 1986, p. 295);*

*L-istess awtur jiddefinixxi ir-raġġir bil-mod segwenti:*

*"Il raggiro ... ... e un avvolgimento ingegnoso di parole destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita." (ibid);*

*Il-ligi tagħna ma tirrikjedix il-messa in xena, cioe` li dawn l-artifiżji jew raġġiri jkunu xi ħaġa kkomplikata jew arkitettata b'ħafna pjanijiet; in fatti l-liġi stess tindika l-forom li dawn*

[8] *Per* Imħallef Vincent De Gaetano.

*l-artifiżji jew raġġiri jistgħu jieħdu. Fostħom dawn hemm is-sitwazzjoni ta' meta persuna bi kwalsiasi forma ta' qerq, ingann jew simulazzjoni tagħti x'tifħem li għandha flus meta m'għandhiex. Meta wieħed joħroġ ċekk meta jkun jaf, jew messu raġonevolment kien jaf, li ma hemmx fondi fil-kont in kwistjoni sabiex dak iċ-ċekk jista' jiġi onorat, ikun qed jinganna jew jipprova jinganna b'waħda mill-forom kontemplati fil-liġi tagħna;*

*Pero, kif ingħad, element essenzjali ieħor tar-reat in diżamina huwa t-telf patrimonjali li ġġarrab il-vittma bil-konsegwenti qligħ għall-aġent, liema telf u qliegh ikunu r-riżultat ta' xi ħaġa li tagħmel jew tonqos milli tagħmel il-vittma <u>għax tkun ġiet ingannata.</u> In fatti t-truffa komunement tiġi mqabbla mas-serq u ma' l-approprjazzjoni indebita, bid-differenza bejn it-tlett reati konsistenti fil-mod ta' kif isir it-telf u l-korrispondenti qligħ. Fi kliem l-awtur appena ċitat:*

*"Il consenso della vittma, carpito fraudolentemente caretterizza il reato (di truffa) e lo distingue sia dal furto che dall'appropriazione indebita. Ambedue questi reati, infatti, presuppongono il dissenso della vittma perche il primo esige l'impossessamento della cosa in contrasto col colere di colui che la detiene, mentre il secondo postula da parte del possessore un arbitraria e percio non consentita, assunzione di poteri, che sono riservati al proprietario. Nella truffa, invece, l'agente, mediante artifizi o raggiri riesce ad ottenere che la vittma si danneggi da se: consegni una cosa assuma, un'obbligazione, rinunzi ad un diritto ecc: compia in somma un atto di disposizione pregiudievole per il suo patrimonio e vantaggioso per altri" (op. cit., p. 293);*

Hu veru li fil-każ ta' **Ellul** il-Qorti illiberat mill-akkuża ta' truffa għax bil-fatt li l-appellant kien bagħat cheque lil VAT Department u dan ma ssarrafx, ma setax jingħid li l-qerq tiegħu – il-ħruġ taċ-cheque fuq kont vojt – inċida (jew seta' jinċidi) fuq id-Dipartiment b'mod li dak id-Dipartiment jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa li jġib it-telf u l-qliegħ imsemmi. (ara ukoll: **Il-Pulizija vs. Anthony Francis Willoughby** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali[9] fit-12 ta' Frar 1999, u **Il-Pulizja vs Daniel Frendo** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali[10] fil-5 ta' Marzu 1994.)

[9] *Per* Imħallef Vincent De Gaetano.
[10] *Per* Imħallef Vincent De Gaetano.

Pero, il-każ odjern huwa għal kollox differenti, għaliex f'dan il-każ, ma hemmx dubju li kien hemm l-element tat-telf patrimonjali, għaliex il-kwerelant ma kienx se jsellef il-flus lill-imputat – li kien diġa` debitur tiegħu - kieku ma kienx għal fatt li mingħalih biċ-ċekk li tah l-imputat *post-dated* kien ser jiġi rifuż l-ammont minnu misluf. Dan it-telf patrimonjali kien żgur jissussisti fil-mument tal-konsumazzjoni tar-reat u cioe` meta, biex jakkwista l-ammont ta' LM2000, l-imputat emetta ċekk *post-dated* li kien jaf li ma setax jissarraf fid-data minnu miktuba fuq iċ-ċekk w fil-fatt baqa' ma ssarrafx. Ma hemm xejn x'jindika li l-kwerelant kien lest li jaċċetta ċekk li ma kienx jista' jissarraf fid-data fuqu imsemmija – anke jekk *post-dated* – biex isellef Lm2000 lill-imputat, basta li jitħallas f'xi żmien wara. (ara wkoll is-sentenzi **Il-Pulizija vs Simon Baldacchino Barthet** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali[11] fit-13 ta' Novembru 2008 u **Il-Pulizija vs Olaf Cini** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali[12] fil-21 ta' Ġunju 2002).

Fit-trattazzjoni orali l-abbli difensur tal-imputat issottometta li mill-provi ma tirriżultax l-*mens rea* tal-imputat li jqarraq bil-kwerelant. Huwa jirreferi għal dak li qal fl-istqarrija tiegħu l-imputat, li hu ried jagħti l-flus lura lill-kwerelant, iżda l-flus li ħaseb li kien se jirċievi fil-kont baqgħu ma daħlux, u għalhekk meta l-kwerelant mar isarraf iċ-ċekk, il-bank ma onerahx. Il-Qorti kienet tieħu din is-sottomissjoni bis-serjeta` kieku mill-provi ma irriżultax illi:

1. Il-kont minn fejn l-imputat ħareġ iċ-ċekk in kwistjoni ġie magħluq fil-11 ta' Frar 2005[13] - u cioe` qabel l-kwerelant mar jipprova jsarraf iċ-ċekk. Mill-provi ma jirriżultax għaliex il-kont ġie magħluq, pero ċertament kien jinkombi lill-imputat li jagħti spjegazzjoni plawsibbli għaliex il-kont ġie magħluq.

2. Kien biss wara li l-kwerelant kien kostrett jagħmel kwerela, u l-imputat ġie interrogat mill-Pulizija f'Settembru 2007, li l-imputat beda jagħmel pagamenti in flus kontanti jew b'kompensazzjoni akkont tal-ammont minnu dovut. Kieku verament l-imputat ma riedx iqarraq bil-kwerelant, u ġenwinament flus li kellu jirċievi ma rċivihomx fiż-żmien li kellu jirċevihom, ċertament ma kienx iħalli sentejn jgħaddu, biex jibda jagħmel pagamenti akkont tal-ammont minnu dovut. U di piu, dan beda jagħmlu biss,

[11] *Per* Imħallef Joseph Galea Debono.
[12] *Per* Imħallef Vincent De Gaetano.
[13] Ara xhieda ta' Audrey Ghigo a fol. 109 tal-proċess.

> wara li ġie interrogat mill-Pulizija, u allura kien jaf x'se jkunu l-konsegwenzi jekk jibqa' jwebbes rasu u ma jħallasx.

Għaldaqstant, il-Qorti m'għandhix dubbju li meta l-imputat ta' ċ-ċekk lill-kwerelant, hu kellu kull intenzjoni li jqarraq bih, u ma jonorax l-ammont minnu dovut fuq dak iċ-ċekk.

L-abbli difensur tal-imputat jirrileva wkoll li fil-waqt li l-kwerelant sellef lill-imputat LM2000, l-imputat tah ċekk ta' LM2050 biex iħallsu. Hu jipotetizza li l-LM50.00 differenza tista' tkun xi użura. Il-Qorti tirrileva li għalkemm huwa vera li hemm din id-diskrepanza, fl-istqarrijiet tiegħu l-imputat bl-ebda mod ma allega li kien hemm xi ammont ta' użura, u fi kwalunkwe każ, l-imputat ried jipprova din l-allegazzjoni tiegħu sal-grad tal-probabbli, u mhux jagħmel sempliċi kongettura.

Rigward ix-xogħol manwali magħmul mill-imputat lill-kwerelant u li ġie stmat li jiswa LM611.20 mill-Perit Tancred Mifsud, l-abbli difensur tal-imputat jissottometti li ma jirriżulta minn imkien min ipprovda l-materjal, u jgħid li *"Il-konkos żgur ġie provdut mingħand il-klijent tiegħi u għalhekk jidher illi effettivament ix-xogħol li l-imputat ta lis-Sur Camilleri kien iktar minn LM611."* Apparti mill-fatt li ngabitx l-iċken prova in sostenn ta' din l-allegazzjoni, fl-istqarrija minnu rilaxxata fl-10 ta' Diċembru 2008, l-imputat jgħid *"Pero imbagħad wara kont għaddejtlu żewġ pagamenti ta' Lm500-il wieħed u riċenti ħdimtlu biċċa xogħol ta' bini Wied il-Għajn li kkalkolajna li tiswa Lm600."*[14] Għalhekk, anke l-imputat qabel mal-kalkolu tax-xogħol tiegħu li għamel il-Perit Mifsud. Kieku apparti x-xogħol, l-imputat kien uża wkoll l-materjal tiegħu, din il-Qorti m'għandhix dubbju li l-imputat dan kien se jgħidu kemm lill-Perit Mifsud kif ukoll lill-Pulizija.

Fid-dawl tas-suespost, ma hemmx dubbju li jeżistu r-rekwiżiti kollha, sabiex din il-Qorti issib lill-imputat ħati ta' truffa.

Rigward ir-reċidiva, din ġiet debitament ippruvata bis-sentenza eżebita mill-Prosekuzzjoni.[15]

---

[14] Ara fol. 78 tal-proċess.
[15] Ara fol. 80 *et seq.* tal-proċess.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Fir-rigward tal-piena, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fedina penali aġġornata tal-imputat li hija waħda raffrettarja. Fil-passat huwa nstab ħati ta' diversi reati serji inkluż serq bl-armi, serq ta' vettura van, frodi bi qliegħ b'qerq ta' LM1800, tentattiv ta' serq ta' aktar minn Lm10,000, frodi oħra bi qliegħ ta' Lm6000, serq kontinwat kwalifikat bil-vjolenza, valur, lok u ħin, sekwestru tal-persuna aggravat, attentat għal pudur bi vjolenza, offiża fuq il-persuna ta' natura ħafifa, u sensiela ta' kundanni għal reati minuri tat-traffiku, u fi żminijiet aktar riċenti sensiela ta' reati minuri in konnessjoni mal-Liġi tat-Taxxa tal-Valur Miżjud, u diversi kundanni għal reati relatati mal-liġijiet tas-sewqan.

Il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni li qabel ġew intavolati dawn il-proċeduri, l-imputat kien irrifonda lill-kwerelant ammont sostanzjali mill-ammont minnu miksub b'qerq, u fadallu jħallas biss l-ammont ta' Lm438.80. Għalkemm irid jiġi rilevat li dan għamlu biss sentejn wara l-inċident, u wara li ġie interrogat mill-Pulizija fuq li l-kwerelant intavola l-kwerela tiegħu. Pero, din il-Qorti xorta ma tistax tapplika l-Artikolu 337(1) tal-Kodiċi Kriminali, għax dan l-artikolu huwa applikabbli biss f'każ fejn il-ħati *"jrodd <u>għal kollox</u> il-ħsara kaġonata bir-reat"* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Pero min-naħa l-oħra, fl-opinjoni tal-Qorti, il-kwerelant ma kienx legalment ġustifikat li ma jaċċettax il-ħlas ta' Lm438.80, li huwa l-bilanċ li għad fadallu jieħu mingħand l-imputat għas-saldu tal-ammont lilu dovut skond iċ-ċekk maħruġ favur tiegħu mill-imputat, u dan stante li jidher li l-kwerelant beda jagħqqad il-meritu ta' din il-kawża kriminali ma kwistjonijiet oħra ċivili pendenti bejnu u bejn l-imputat, li ma jikkonċernawx din il-kawża.

F'dan il-każ, din il-Qorti, anki kieku trid, hija prekluża mill-Artikolu 28A(7)(b) tal-Kodiċi Kriminali milli tapplika fil-konfront tal-imputat id-disposizzjonijiet tas-sentenza sospiża, w dana għaliex huwa instab ħati tal-addebitu tar-reċidiva a tenur tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali.

Min-naħa l-oħra, tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, il-Qorti hija tal-opinjoni li piena karċerarja effettiva mhix idonea ghal każ odjern, speċjalment tenut kont tal-fatt li f'dawn l-aħħar snin l-imputat naqqas konsiderevolment it-tendenzi raffrettarji tiegħu.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Rittmar Hatherly** et deċiża fid-9 t'Ottubru 2008, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[16] irriteniet hekk: *"Anke fil-każ ta' persuna ta' eta` mhux żgħira u li forsi hu reċidiv, tista' titfaċċa fil-ħajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz tagħha jkun jista' jinkiser iċ-ċiklu ta' kundanni u ta' priġunerija. Kif jispjega David Thomas fil-ktieb tiegħu* ***Principles of Sentencing*** *(Heinemann, London, 1979):*

*"The term 'inadequate recidivist' is used to describe an offender, middle aged or older, who has over a long period of years committed numerous offences, not in themselves in the first rank of seriousness, and has served many terms of imprisonment as well as experiencing an extensive selection of other penal measures. Faced with such an offender, the Court will usually grasp any chance of breaking tħe cycle of offence and sentence, even if the chances of success are obviously limited ... ... As in the case of the intermediate recidivist there must be some prospect of success, however remote" (pp. 22, 23).*

Kif diġa` ingħad, mill-fedina penali jirriżulta li f'dawn l-aħħar snin, l-imputat tbiegħed konsiderevolment mit-triq tal-kriminalita` li kien qabad f'żgħożitu. Il-Qorti, wara li irriflettiet fit-tul, hija tal-opinjoni li għalkemm fil-passat l-imputat instab ħati ta' reati serji, huwa xorta għandu jingħata opportunita biex jikser iċ-ċiklu ta' kundanni u priġuneriji billi jitpogga taħt Ordni ta' Probation, sabiex jingħata s-sapport u l-għajnuna neċessarja biex jagħti stabbilita lil ħajtu.

Naturalment, l-imputat irid jirrifondi lill-kwerelant il-bilanċ tal-ammont li għadu dovut lilu.

**Konklużjoni**

Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti, wara li rat in-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tal-Avukat Ġenerali tal-5 ta' Marzu 2014, issib lill-imputat ħati tar-reati kontemplati fl-Artikoli 308, 310(1)(a), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u għar-raġunijiet fuq mogħtija u b'applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti qed tqiegħed lil ħati taħt Ordni ta' Probation għal żmien tlett (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet stretti li qed

[16] *Per* Prim Imħallef Vincent De Gaetano.

jiġu imposti fuqu skond l-Ordni ta' Probation hawn annessa, u li għandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lil ħati bi kliem ċar jekk huwa jikkommetti reat ieħor matul dan il-perjodu ta' Probation jew jekk jonqas illi jsegwi xi waħda mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Ordni tal-Probation, huwa jkun jista' jiġi ikkundannat għar-reat li għalih ġiet magħmula din l-Ordni, u l-ħati esprima r-rieda tiegħu li jikkonforma mal-ħtiġijiet ta' din l-Ordni.

Inoltre ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-ħati iħallas lil Emanuel Camilleri is-somma ta' elf u tnejn u għoxrin Euro u tlettax-il ċenteżmu (€1022.13) - ekwivalenti għal erba' mija u tmienja u tletin Lira Maltija u tmenin ċenteżmu (Lm438.80) – u dan fi żmien sitt (6) xhur mil-lum.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza, inkluż l-Ordni ta' Probation annessa magħha, tintbagħat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

**Maġistrat**

**Deputat Reġistratur**